MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 2010/2004

**Advanced Telecommunication Systems Co. Ltd**
**Vs**
**Philip Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta Ottubru 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira wiehed u erbghin centezmu (Lm125.41) rapprezentanti valur ta merkanzija ordnata mill-konvenut.
Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali datata Settembru 2004 u bl-imghax mid-data tal-konsenja.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fil-21 ta Jannar 2005 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li ma hux minnu li huwa kien ordna xi merkanzija u fi kwalunkwe kaz l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) b'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti u cioe mix-xhieda ta Adrian Sciberras ghas-socjeta attrici u minn dik tal-konvenut oltre mid-dokumenti esebiti mill-istess Adrian Sciberras ghandu jirrizulta minnghajr ebda dubbju li l-azzjoni odjerna tinsab preskritta ai termini tal-artikolu citat billi semplicement tara d-dati tal-invoices relattivi u d-data tal-prezentata tal-odjerna kawza. Barra minnhekk tirrizulta wkoll li hlief ghall-invoice datata 30 ta Gunju 2001 ta Lm12.65, ix-xoghol in kwistjoni gie ordnat minnhu u mhux mill-konvenut kif jidher mill-firma fuq id-dokument u mix-xhieda tal-istess konvenut.
Jinghad pero li fix-xhieda tieghu l-konvenut jammetti li huwa kien responsabbli ghall-konsenja indikata f'Dok AS3 ta Lm12.65 li baqghet ma thallsitx u ghalhekk ghandu jirrispondi ghaliha.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut hlief ghar-rigward tal-konsenja u valur indikat f'Dok AS3 u ghalhekk jilqa t-talba attrici biss fil-konfront ta tali konsenja u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta tnax il-lira u hamsa u sittin centezmu bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza, bl-ispejjes ta din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------